bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri u
Sp Mario Tonna)
vs
Mario Abraham Baldacchino, iben Nazzareno, imwieled Pieta' fit-8 ta' mejju, 1978
u
Michael Scicluna, iben John, imwieled Pieta' fil-21 ta' mejju, 1975
u
Christopher Pullicino, iben Carmel, imwieled Pieta' fit-30 ta' diċembru, 1983

omissis

Illum, 20 ta' ġunju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fis-17 ta' marzu, 2002 għal ħabta tal-5.45 p.m. fi Triq Dragonara, San Ġiljan inġabru f'numru ta' għaxra min-nies jew aktar sabiex jagħmlu reat;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kissru l-bon ordni u il-kwiet pubbliku;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebbew għal Francis Farrugia u Jonathan Farrugia minn Birkirkara sabiex jinġurjawhom u jagħmlulhom ħsara;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ġrew bil-qawwi fl-istess triq bil-periklu li jweġġgħu lil terżi persuni;
5. talli ħebbew għal Francis Farrugia u kkaġunawlu feriti ta' natura gravi skond Dr. Kurt Attard M.D. u Dr. Jonathan Joslin M.D. tal-isptar San Luqa;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, permezz ta' oġġett iebes ikkaġunaw feriti gravi fuq il-persuna ta' l-istess Francis Farrugia, liema offiżi x'aktarx jikkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ, ta' l-imsemmi Francis Farrugia.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-20 ta' marzu, 2002 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' ġunju, 2002 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li mhux qed tinsisti għall-akkużi li jirrigwardaw il-feriti li ġarrab Francis Farrugia billi dawn ġew kommessi minn terżi li mhumiex parti f'din il-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' ġunju, 2002 fejn l-imputati ammettew l-ewwel erba' akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-ħames u tas-sitt akkuża miġjuba kontra tagħhom u kwindi tilliberhom mill-istess akkużi.  Issib lill-imputati ħatja tal-ewwel erba' akkużi miġjuba kontra tagħhom.  Rat l-artikoli 68(1), 338(ċċ)(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannhomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum.